**Fil-Qorti tal-Magistrati (Malta)**

**Bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali**

**Magistrat Dr. Nadine Lia**

**B.A; LL.M (Kent); LL.D, Barrister at Law (England & Wales)**

**Kaz numru 599/2018**

**Il-Pulizija**

**(Spettur Nicholas Vella)**

**vs.**

**Leon Gafa'**

Illum il-25 ta' Ottubru 2022

Il Qorti:

Rat illi tressaq taht arrest **Leon Gafa'** iben Adrian u Claudia nee Galea, mwieled gewwa Pieta' fid-29 ta Marzu 1998 residenti gewwa Blk J, Flat 3, Triq ix-Xemxija, Marsa. Detentur tal-karta ta' l-identita bin-numru 126798M.

1. Talli fix-xhur ta Mejju u Gunju 2018, gewwa dawn il-gzejjer, b'diversi atti maghmulin minnu, ukoll jekk fi zminijiet differenti, li jiksru l-istess disposizzjoni tal-ligi u gew maghmula b'rizoluzzjoni wahda,

2. ikkommetta serq ghad-detriment ta Nicholas Callus, Luke Mathew Fenech u /jew persuni u/jew kumpaniji ohra liema serq huwa kkwalifikat bil-valur, bil-persuna u bix-xorti tal-haga misruqa.

3. B'mezzi kontra l-ligi, jew billi ghamel uzu ta' ismijiet foloz, jew ta kwalifiki foloz, jew billi inqeda b'qerq iehor, jew kwalifiki foloz, jew billi inqeda b'qerq iehor, ingann, jew billi wera haga b'ohra sabiex igieghel titwemmen l-ezistenza ta' intraprizi foloz, jew ta' hila, setgha fuq haddiehor jew ta krediti immaginarji, jew sabiex iqanqal tama jew biza dwar xi grajja kimerika, jew ghamel qliegh bi hsara ta' haddiehor.

4. Bi hsara ta' haddiehor, ghamel qliegh iehor b'qerq, mhux imsemmi fl-artikoli ta' qabel ta' dan is-subtitolu.

Rat illi fl-udjenza ta' l-10 ta' Gunju 2022 l-imputat iddikjara li kien hati tar-reati addebitati lilu u irregistra ammissjoni inkondizzjonata ghall-imputazzjonijiet kollha dedotti kontrih, liema ammissjoni giet ikkonfermata mill-imputat wara li l-Qorti, a tenur ta' l-artikolu 392A(1) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta, avzatu u wissietu solennement bil-konsegwenzi legali ta' dik l-ammissjoni u kkonceditlu zmien bizzejjed biex jerga' jikkonsulta ma' l-avukat ta' fiducja tieghu u jikkonsidra t-twegiba tieghu u, jekk ikun il-kaz, jerga' lura minnha.

Rat li l-imputat rega' tenna u kkonferma l-ammissjoni inkondizzjonata tieghu.

Rat li fid-dawl ta' l-ammissjoni tal-imputat il-Qorti m'ghandhiex alternattiva ghajr li ssibu hati tal-imputazzjonijiet kollha migjuba kontra tieghu u li a tenur ta' l-artikolu 392A tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta din il-Qorti setghet tghaddi ghas-sentenza dwarhom fil-konfront ta' l-imputat.

Rat illi ma hemmx raġuni tajba ai termini tal-Art. 392A(3) tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta biex il-Qorti tiddubita li nonostante l-ammissjoni tieghu, l-imputat effettivament mhux ħati tar-reati addebitati lilu. Il-Qorti tqis, ghalhekk li l-akkużi huma sodisfacjentement ppruvati.

Rat id-dokumenti kollha pprezentati, u fliet l-atti kollha tal-kawza;

Semghet lill-partijiet jittrattaw dwar il-piena fl-udjenza ta' l-10 ta' Gunju 2022.

Rat l-atti kollha.

Rat illi l-kawza thalliet ghal-lum ghas-sentenza.

**Ikkunsidrat**

**Fatt fil-qosor**

Illi dan il-kaz irrizulta meta gie rapportat lill-pulizija li l-imputat kien qed isarraf cekkijiet tax-xoghol li ma kienux mahruga minnhom u dan gie nnutat meta l-vittmi nnutaw diskrepanzi fil-kontijiet bankarji taghhom tan-negozju.

**Ikkunsidrat**

**Piena**

Illi b'amissjoni ta' l-imputat ghall-imputazzjonijiet kollha migjuba fil-konfront tieghu waqt is-seduta ta' l-10 ta' Gunju 2022 din il-Qorti m'ghandiex ghazla ohra ghajr li ssibu hati tar-reati addebitat lilu u ser tghaddi biex tippronunzja sentenza fil-konfront tieghu.

Madankollu ghall-finijiet ta' piena li ghandha tigi erogata mill-Qorti, il-Qorti qieset, b'zieda mac-cirkostanzi kollha tal-kaz is-segwenti fatturi.

- Il-prosekuzzjoni esebit il-fedina penali ta' l-imputat li hija netta u li fiha ma jinsabux registrati ebda sentenzi kontrih.[1]

- L-imputat irregistra ammissjoni, erba snin wara li sar l-incident u wara li kemm il-prosekuzzjoni kif ukoll id-difiza kienu ghalqu l-provi taghhom u anke ghamlu t-trattazzjoni taghhom.

- Qieset il-gurisprudenza ta' dawn il-Qrati w Qrati esteri dwar tnaqqis fil-piena meta l-hati jammetti l-htijiet tieghu fi stadju kmieni tal-process u b'hekk jiffranka hafna xoghol u spejjez inutili ghall-amministrazzjoni tal-gustizzja. Hawnhekk il-Qorti taghmel referenza ghal-kaz **Ir-Repubblika ta' Malta vs. Nicholas Azzopardi**[2], **Il-Pulizija vs. Emmanuel Testa**[3], u **ARCHBOLD Sentencing Guidelines 2021**[4] u **BLACKSTONE'S CRIMINAL PRACTICE.**[5]

  Ghaldaqstant, f'dan il-kaz jista jinghad li l-ammissjoni ma saritx fl-iktar stadju bikri ghaliex kienu diga lahhqu jixdhu x-xhieda kollha u saru diversi seduti li jirrikjedu hin u spejjez. Madankollu din l-amissjoni saret qabel l-ghoti tas-sentenzi u qabel din il-Qorti ghamlet l-evalwazzjoni taghha u ghalhekk din il-Qorti sejra tqis l-istadju ta' fejn saret l-ammissjoni fil-kunsiderazzjoni taghha.

- Il-Qorti tqis ukoll li l-ammissjoni saret minghajr ebda riservi u/jew kondizzjonijiet.

- Permezz ta' nota tal-parte civile, datata 9 ta' Awwissu 2022, li saret bil-visto tad-difiza hemm qbil li l-bilanc li ghad fadal li jinghata mill-imputat lill-parte civile huwa ta' hames telef, erba mija, tlieta u erbghin (€ 5,443).

---

[1] Folio 3 ta' l-atti processwali
[2] Qorti Kriminali deciza 24 ta' Frar 1997
[3] Qorti tal-Appell Kriminali , [7.7.2002]
[4] Thomson Reuteurs, S-29
[5] Blackstone Press Limited – 2006 edition

Illi jirrizulta li tul il-mori tal-proceduri l-imputat kien qiegħed jikumpensa l-vittmi u kien qiegħed jagħmel l-għalmu tiegħu sabiex irodd lura dak kollu dovut lilhom u skond in-nota tal-parte civile sa issa ħalla lura l-ammont ta' sitt elef u disgħin Euro (€6,090) mill-ammont originali ta' ħdax il-elf, ħames mija, tlieta u ħamsin Euro (€11,553).

- Fis-sottomissjonijiet finali tagħha, il-prosekuzzjoni tenniet li l-Qorti għandha tikkunsidra piena alternattiva għal dik karcerarja.

- Id-difiza abbracjat ruħha kompletament mas-sottomissjoni tal-prosekuzzjoni.

- Illi filwaqt li l-Qorti mhix bl-ebda mod marbuta ma dawn is-sottomissjonijiet tal-prosekuzzjoni l-Qorti tara li din il-piena hija legalment proponibbli u fil-parametri tal-ligi għal dawk ir-reat li jikkoncernaw il-Kodici Kriminali.

- Illi r-reat huwa meqjus aggravat bl-aggravji tal-valur, tal-persuna u tax-xorta tal-ħaġa misruqa u b'hekk din il-Qorti għandha tagħti piena mhux fil-minimu tagħha skond l-artikolu 280(1) tal-Kodici Kriminali.

- L-aritkolu 20 tal-Kodici Kriminali jgħid li meta l-liġi tiddisponi espressament li piena m'għandhiex tingħata fil-minimum, il-piena li għandha tingħata għandu dejjem ikun fiha għall-anqas terz tad-differenza bejn il-minimum u l-maximum.

- Illi jirrizulta li fiz-zmien tar-reat l-imputat kellu vizzju tad-droga li kien ġabu jirrikorri għall-kriminalita. Illi filwaqt dan mhuiex skuzanti għall-aġir tiegħu, huwa kunsiderazzjoni għal Qorti sabiex tikkunsidra kwalunkwe Ordnijiet oħra li din il-Qorti tista tagħti flimkien mal-piena.

- Illi mix-xhieda ta' l-ufficjal tal-Probation jirrizulta li illum l-imputat għeleb il-vizzju tad-droga li għandu wara li għamel programmi tad-

droga u baqa' jattendi laqat regolari sabiex dejjem izomm is-sapport sabiex ikompli fit-triq it-tajba. Jirrizulta li ghandu xoghol fiss, qata l-vizzji hekk kif kien qed u baqa jirrizulta mit-testijiet negattiva ghad-droga u bena hajja gdida gewwa Ghawdex fejn heles mill-kumpannija hazina li kellu qabel. L-imputat ukoll beda joffri servizzi tieghu bhala volontarjat u jaghti ghajnuna fic-centri ghas-servizzi tad-droga.

Illi dan l-agir huwa ferm posittiv u ghandu jigi rikonoxxut ghaliex l-imputat wera bl-azzjonijiet tieghu li rrid ibiddel hajtu, jiriabilita ruhu, jaghti sehem u kontribut fis-socjeta u ma jkunx ta' piz jew hsara lejn hadd.

- Illi l-artikolu 142(1) tal-Criminal Justice Act 2003 fl-Ingilterra jistabbilixxi hames principji li ghandhom jigu segwiti fl-imposizzjoni tal-piena u cioe', *(a) the punishment of offenders (b) the reduction of crime (including its reduction by deterrence) (c) the reform and rehabilitation of offenders (d) the protection of the public (e) the making of reparation by offenders to persons affected by their offence.*

- Illi minn dak li rat u ezaminat il-Qorti jirrizulta li din il-Qorti trid tara mhux biss l-aspett riformattiv ta' l-imputat izda trid ssib bilanc bejn il-gravita' tal-kaz u l-harsien u l-interessi tal-vittmi tar-reat u s-socjeta' in generali sabiex tara li dan ir-reat ma jergax jigi kommess kif ukoll taghti l-harsien mehtiega lil pubbliku. Il-Qorti ghalhekk tqis, tenut kont tar-riabilitazzjoni li irnexxilu jaghmel l-imputat, kif ukoll li qieghed ikompli jikumpensa l-vittmi, li piena karercarja mhix ser thalli l-frott mistenni, anzi bil-kuntrarju u ghalhekk il-Qorti sejra tikonsidra piena alternattiva ghall-habs.

**Decide**

Ghaldaqstant il-Qorti wara li rat l-artikoli 216(1)(c)(d)(g), 267, 268, 271, 279(b), 280(1), 281(1) u 309 tal-Kodici Kriminali, Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta, fuq ammissjoni ta' Leon Gafa' issibu **hati** ta' l-imputazzjonijiet kollha kif dedotti kontrih u tikkundannah piena ta' prigunerija ta' sentejn (2) habs li bl-applikazzjoni tal-artikolu 28A tal-Kodici Kriminali qed jigu sospizi ghal zmien tlett snin (3) mil-lum.

Il-Qorti, a tenur tal-Artikolu 28A(4) tal-Kodici Kriminali, spjegat lill-hati bi kliem car ir-responsabbilita' tieghu taht l-Artikolu 28B tal-Kodici Kriminali jekk huwa jikkommetti, matul il-perjodu operattiv ta' din is-sentenza, reat li ghalih hemm piena ta' prigunerija.

Il-Qorti wara li rat l-artikolu 15A(1), 28H(2) u 532A tal-Kodici Kriminali tordna lill-hati ihallas fi zmien tlett snin mill-llum is-somma ta' hames telef, hames mija u erba' u hamsin Ewro (€5,554) lill Nicholas Callus u lil Luke Matthew Fenech fi zmien massimu skont il-ligi. Dan l-ordni għandu jikkostitwixxi titolu eżekuttiv għall-finijiet u l-effetti kollha tal-Kodiċi ta' Organizzazzjoni u Proċedura Ċivili.

Il-Qorti tordna li ai termini ta' l-artikolu 392A(2) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta l-Avukat Generali jinghata access ghal kopja skenjata tal-atti, flimkien ma access ghal kopja skenjata tas-sentenza fi zmien sitt (6) ijiem tax-xoghol.

**Moghtija illum nhar 25 ta' Ottubru 2022 fil-Qrati tal-Gustizzja, Valletta**

**Dr. Nadine Lia**

**Magistrat**

**Lorianne Spiteri**

**Deputat Registratur**